



## ĠBIR TA' FONDI: PUNTI EWLENIN MILL-WEBINARS

Dan id-dokument jiġbor ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin dwar il-ġbir ta' fondi xxerjati matul il-webinars tal-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Ir-rakkomandazzjonijiet huma miġburin skont is-suġġetti u huma meħudin miż-żewġ webinars li ġejjin:

- [Webinar "Kif jinġabru l-fondi", 2018](#)
- [Webinar "Kif issir kampanja u ġbir ta' fondi għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej", 2019](#)

### Tagħlimiet ewlenin

1. L-organizzaturi għandhom jimpenjaw ruħhom ma' sħab possibbli (permezz tan-network tagħhom, partijiet ikkonċernati oħra, it-taqsimi "Ikkonnettja" fil-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej) biex jiżguraw sorsi ta' finanzjament mifruxa.
2. Modi possibbli biex jinġabru l-fondi għall-organizzaturi huma: il-finanzjament kollettiv, il-finanzjament bejn il-pari, il-merchandising, l-istabbiliment ta' aktar sorsi (eż. riċeviment).
3. L-avvenimenti pubbliċi u nies prominenti jistgħu jgħinuk tikseb trazzjoni u attenzjoni sabiex id-donazzjonijiet jaħdmu aħjar.

### Punti rilevanti oħra

#### *Iffranka l-flus*

- Il-Kummissjoni Ewropea se tittraduċi t-test u l-annessi ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, sabiex l-organizzaturi jkunu jistgħu jiffrankaw il-flus tat-traduzzjonijiet.
- Huwa rakkomandat li taħdem bil-voluntiera.
- L-organizzaturi jistgħu jużaw is-servizz "Fittex parir" tal-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej biex jiksbu pariri legali, dwar it-tmexxija ta' kampanja u ta' ġbir ta' fondi mingħajr ħlas.
- B'mod ġenerali, huwa tajjeb li jkun hemm sħab tal-alleanza li jgħinu fl-implimentazzjoni tal-kampanja peress li tagħmilha irħas għall-organizzaturi. Madankollu, l-appoġġ *pro bono* jista' jkun diffiċli minħabba li jista' jkun inqas affidabbli. Għalhekk, jista' jkun aktar sikur li jintefqu l-flus għal xi kompiti speċifiċi. Għal dan il-għan, is-sħab tal-alleanza jistgħu jkunu wkoll donaturi siewja.

#### *Strateġji ta' finanzjament*

- Kull kampanja teħtieġ finanzjament sod sabiex tirnexxi.
- Huwa rakkomandat li l-fondi jinġabru ċentralment u mbaġħad jiġu distribwiti mill-ġdid lill-membri tan-network.
- It-traduzzjonijiet tad-dokumenti ta' informazzjoni huma importanti biex jiġi żgurat il-finanzjament lokali.
- Iż-żmien huwa kruċjali! L-organizzaturi għandhom jippjanaw il-ġbir ta' fondi tagħhom bil-quddiem sew.
- Huma meħtieġa fondi addizzjonali f'każ ta' problemi u sfidi għall-għarrieda li jistgħu jiftaċċaw.



- Huwa tajjeb li ssir distinzjoni bejn donazzjonijiet kbar u żgħar. Donazzjonijiet bil-quddiem jistgħu jkunu utli ħafna għal kampanja. Mhuwiex realistiku li tinbeda kampanja mingħajr flus.
- Il-finanzjament kollettiv huwa essenzjali għall-ġbir ta' fondi. L-organizzaturi għandhom jużaw modi moderni biex jiġbru l-fondi u jipprovdu informazzjoni dwar kemm donazzjonijiet iżgħar xorta jgħinu. L-iżgurar tas-sentiment li d-donazzjonijiet tabilħaq jagħmlu differenza diretta (eż. permezz ta' mira li trid tintlaħaq) huwa kruċjali biex jiġu żgurati l-kontribuzzjonijiet.
- It-tqabbil tad-donazzjoni huwa wkoll għodda tajba biex in-nies iħossuhom involuti.